**11 ta' Jannar, 1964.**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. E. Magri LL.D.**

Salvatore Guillaumier

*versus*

Francesca Mallia

**Inkompetenza "ratione materiae" — Art. 775 (b) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili — Art. 2 tal-Kodiċi Kummerċjali — Art 5 (1) u 640 (b) tal-Kodiċi Kummerċjali — Art 37 (2) tal-Kodiċi tal-proċedura Ċivili — Art. 640 (a) tal-Kodiċi Kummerċjali — ħanut..**

*Il-Qorti tissolleva "ex ufficio" l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tagħha in forza tal-Art. 775 (b) tal-Kodiċi tal-proċedura ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*Għalkemm il-konvenuta ma tistgħax tiġi ritenuta personalment bħala kummerċjanta, eppure, oġġettivament, billi l-materja fiha nnifisha involuta fit-talba hija att tal-kummerċ, għandha tiġi regolata mill-liġi kummerċjali.*

*Xejn ma jiswa li l-kontendenti akkwijetaw ruħhom għall-kompetenza ta' dina l-Qorti għaliex ma tiddependix mill-partijiet il-proroga tal-kompetenza, billi l-istitut relativ jappartjeni lill-Ordni pubbliku, u għalhekk meta dina tirriżulta, għandha tiġi sollevata mill-Qorti "ex officio".*

*Ħanut huwa "per se stante" ħaġa ta' natura kummerċjali u kull operazzjoni li tiddependi jew li għandha x'taqsam miegħu hija att ta' Kummerċ u bħala tali jaqa taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ.*

***Armatura tal-ħanut u miljorament oħra huma parti integrali tad-destinazzjoni Kummerċjali tal-fond u għalhekk bħala tali jikkonkorru biex jirradikaw il-kompetenza tal-Qorti Kummerċjali bħala aċċessorju tad-dritt tal-inkwilinat tal-istess ħanut li huwa ta' natura kummerċjali.***

Il-Qorti:

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, peress li l-attur kellu f'idejh b'titlu ta' lokazzjoni l-fond 554, High Street, Hamrun, użat bħala ħanut, u ma tul il-kors tal-lokazzjoni hu għamel diversi xogħlijiet f'dan il ħanut, tal-valur ta' tliet mija u għoxrin lira (£320) meta saru kif jirriżulta mill-lista annessa maċ-ċitazjoni; u peress li dawn ix-xogħlijiet immeljoraw il-fond u saru kollha bil-kunsens tas-sid, awtur tal-konvenuta; u peress li il-konvenuta rrifjutat tħallas kwalunkwe kumpens ta' dwan il-benefikati għax tippretendi li bħala "fixtures" dawn aċċedew mal-fond; talab li l-konvenuta, prevja d-dikjarazzjoni li l-attur għamel fil-fond imsemmi bil-kunsens tas-sid, diversi miljoramenti li tagħhom għandhu d-dritt jiġi kompensat, tiġi min dina l-Qorti kundannata tħallas lill-attur, għar-raġunijiet imsemmija, dak il-kumpens għal miljoramenti fuq indikati li jiġi likwidat jekk hemm bżonn anke permezz ta' periti nominandi; bl-interessi u bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' ittra uffiċjali tal-25 ta' Mejju, 1962.

Rat . . . omissis . . .

Rat in-nota tal-eċċezzjoni tal-konvenuta li biha qalet li:

1. Preliminarment li billi l-lokazjoni ġja esistenti

favur l-attur kienet regolata bi skrittura privata, li l-lum ma tinstabx, trid issir il-prova sodisfaċenti tal-presunt kunsens ta' missierha — illum mejjet.

2. L-attur ħa miegħu kull miljorament li kien għamel fil-fond, barra l-armatura ta' barra li hija imwaħħla permanentement u għalhekk aċċediet għall-fond; fi kwalunkwe każ l-attur irid juri li huwa jista jieħu xi utili billi jaqla l-armatura;

3. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel u t-tieni eċċezzjoni l-attur għandhu l-obbligu li jħalli l-fond fl-istat li kien qabel ma saru l-miljoramenti u billi dina l-ispiża tiċċedi kull utili li huwa jista' jirrikava billi jaqla l-armatura eżistenti, l-azzjoni tal-attur hija vessatorija; b riserva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat . . . omissis . . .

Ikkunsidrat:

Li mill-atti tal-kawża rriżulta li l-attur kellu f'idejh b'kiri il ħanut numru 554, High Street, Hamrun, li kien adibit għal kummerċ abitwali tiegħu u li t-talba tal-attur, li huwa negozjant magħruf, tirriguarda l-likwidazjoni u ħlas ta' kumpens għal miljorament li huwa għamel fl-imsemmi ħanut fil-kors tal-lokazjoni.

Ikkuunsidrat:

Li in vista tan-natura tal-oġġett tad-domanda, il-Qorti qajmet "ex officio" l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tagħha in forza tal-art. 775 (b) tal-Kodiċi tal-Proċedura. Infatti, benche' il-konvenuta ma tistgħax tiġi ritenuta per-

sonalment bħala kommerċjanta għall-fatt biss tal-lokazjoni tal-imsemmi ħanut eppure, oġġettivament, billi il-materja fiha inifisha involuta fit-talba hija att tal-kummerċ, għandha tiġi regolata mill-liġi kommerċjali, alla-volja il-konvenuta mhix kommerċjanti (art. 2 Kod. Kum.) għaliex "La Corte di Commercio e' competente a conoscere le questioni di natura Civile connesse con operazioni Commerciali, o a qeste incedentali (Kollez. XXIII, 1, 592).

Ikkunsidrat:

Li xejn ma jiswa li l-konċedenti akkwijetaw ruħhom għal kompetenza ta' dina l-Qorti u immanifestaw dina l-volonta' tagħhom anke bl-iskambju tal-ittri uffiċjali rispettivi li saru quddiem dina l-Qorti, għaliex ma tiddependiex mill-partijiet il-proroga tal-kompetenza, billi l-istitut relativ jappartieni lill-Ordini Pubbliku, u għalhekk meta dina tirriżulta, għandha tiġi sollevata mill-Qorti "ex officio" (Collez. Vol. VIII, 578, 579; Vol XVIII, 11, 439; Vol. XXIX, 11, 468; Vol. XXXVI, 1, 384).

Ikkunsidrat:

Li, ħanut huwa "per se stante" ħaġa ta' natura kommerċjali, u kull operazjoni li tiddependi jew li għandha x'taqsam miegħu hija att ta' kummerċ, u bħala tali jaqa taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ (art. 5 (i) u 640 (b) tal-Kod. Kum.); ġie infatti ritenut mill-Qorti tagħna li biex tiġi radikata l-kompetenza tat-tribunal Kummerċjali huwa biżżejjed li l-att ikun kummerċjali essenzjalment fih innifsu meta mill-att stess ma jkunx jidher li m'għandhux x'jaqsam mal-kummerċ (art. 37 (2) Pro. Ċiv. u Ċollez. Vol. XXXVI, 11, 582, konfermata fl-App 19-1-1953); dina il-presunzjoni ma tillimitax ruħha għall-każ

meta kummerċjant jagħmel operazjoni ma' kummerċjant ieħor, imma tapplika ukoll għall-attijiet magħmulin min naħa l-waħda u min wieħed li m'mhux kummerċjant minnaħa l-oħra (Ċollez. Vol. XXXVI, 111, 684).

Ikkunsidrat:

Li, l-armatura tal-ħanut u il-miljoramenti l-oħra reklamati mill-attur, huma parti integrali tad-distinazzjoni kummerċjali tal-fond (Ċollezz. XXXIII, 11, 35) u għalhekk bħala tali, jikkonkorru biex jirradikaw il-kompetenza tal-Qorti Kummerċjali, bħala aċċessorju tad-dritt tal-inkwilmat tal-istess ħanut li huwa ta' natura Kummerċjali (Ċolleż. Vol. XXXI, 111, 274) u li in bażi għad-disposizjoni tal-art 640 (a) tal-Kodiċi Kummerċjali, il-kawża relativa taqa taħt il-Ġurisdizzjoni tal-istess Qorti;

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi dina l-Qorti tiddikjara ruħha inkompetenti, "ratione materiae" li tieħu konjizzjoni tal-kawża, bl-ispejjeż kontra l-attur.